MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1238/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Adam Emanuel Bajada (ID. 54706L).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija, seba u sittin ewro u disa u erbghin centezmu (€667.49) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilu abbazi ta' ftehim bejn il-partijiet, u minkejja li gie interpellat ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fir-rigward tas-sorte mitlub, u zammet ferm il-kap ta' l-ispejjes.

Ghaldaqstant, u in vista tan-nota fuq imsemmija, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------